Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)**

ANTON TABONE
Aġent President

13 ta' Lulju, 2012

**ATT Nru. XIII tal-2012**

*ATT biex jemenda diversi dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni*

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'dan li ġej:-

Titolu fil-Qosor.

Kap. 327.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Edukazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tat-Taqsim ta' l-Att tal-liġi priniċipali.

**2.** Fit-Taqsim ta' l-Att prinċipali, it-Titolu tat-Taqsima VI ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "entita" minflok il-kliem "Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla" għandhom jidħlu l-kliem

"Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla" u minflok il-kliem "Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla" kull fejn dawn jinsabu fl-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla".

(b) it-tifsira "skola" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

"skola" tfisser istituzzjoni li r-riżorsi tagħha kemm ta' persuni u kemm ta' oġġetti huma ordinati sabiex jitmexxew 'il quddiem l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħra permezz tat-tixrid tat-tagħrif u t-tkabbir tat-tagħlim.

Iżda għall-finijiet ta' liċenza biex tiftaħ skola taħt dan l-Att, ma tinkludix dawn li ġejjin:

(a) provditur li joffri edukazzjoni avvanzata jew ogħla kif definiti fl-artikolu 63; u

(b) istituzzjoni għat-tmexxija 'l quddiem ta' edukazzjoni u tagħrif ta' natura esklussivament jew kważi esklussivament reliġjuża;".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (4) sa (11) tiegħu għandhom jiġu enumerati bħala s-subartikoli (5) sa (12) tiegħu;

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni jista' jagħti liċenza temporanja għal perjodu ta' sena, fejn fil-fehma tiegħu iqis li dan ikun fl-interess pubbliku, bi qbil mal-Ministru. Dik il-liċenza temporanja tkun tista' tiġi soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi li jkunu meħtieġa li jiġu mħarsa sa meta jiskadi dak il-perjodu.";

(ċ) fis-subartikolu (10) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "jew obbligatorja, u lill-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla f'każ li t-talba hi

għal skola fil-livell ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla:" għandhom jidħlu l-kliem "jew obbligatorja:";

(d) minflok is-subartikolu (11) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subartikolu li ġej:

"(11) Meta applikazzjoni tiġi miċħuda, sospiża jew imħassra, jew meta applikant ma jkunx ġie notifikat bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Ministru kif maħsub fis-subartikolu (6), l-applikant jew id-detentur tal-liċenza jista', fiż-żmien stabbilit fis-subartikolu (12), jappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ġustizzja skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu."; u

Kap. 490.

(e) minnufih wara s-subartikolu (12) kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(13) Għalkemm ikun sar appell skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-liċenza għandha titqies sospiża jew imħassra, skont il-każ, pendenti d-deċiżjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu.".

Kap. 490.

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

**5.** Fit-tifsira "għalliem" fl-artikolu 23 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "tgħinu jiżviluppa l-ħiliet kreattivi u ta' ħsieb skond l-età, l-iżvilupp fiżiku, u skond il-potenzjal tal-ħiliet u tat-talenti tiegħu", għandhom jidħlu l-kliem "tgħinu jiżviluppa l-ħiliet kreattivi u ta' ħsieb skont l-età, l-iżvilupp fiżiku, morali, soċjali, emozzjonali u intelletwali, u skont il-potenzjal tal-ħiliet u tat-talenti tiegħu".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

**6.** Fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "taħt sorveljanza fi skola liċenzjata, jew b'xi mod ieħor kif jista' jiddeċiedi l-Kunsill" għandhom jidħlu l-kliem "taħt sorveljanza fi skola jew provditur ta' edukazzjoni avvanzata kif definita fl-artikolu 63 ta' dan l-Att, liema skola jew provditur jkunu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti li tkun inkarigata bil-liċenzjar ta' dik l-iskola jew providitur skond dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, jew b'xi mod ieħor kif jista' jiddeċiedi l-Kunsill".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

**7**. L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-test Ingliż, fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "nominations made in terms of the preceding article", għandhom jidħlu l-kliem "nominations made in terms of the preceding sub-article"; u

(b) is-subartikoli (3) sa (12) tiegħu għandhom jiġu enumerati bħala s-subartikoli (4) sa (13) tiegħu; u

(c) minnufih wara s-subartikolu (2), għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Meta jkun hemm xi vakanza ta' membru elett skont il-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (1), fejn dan ikun possibbli, il-Ministru għandu jaħtar il-persuna li jkun imissha skont il-votazzjoni li tkun saret fl-elezzjonijiet li jkunu saru qabel għal dan il-għan, u kull persuna hekk maħtura għandha tibqa tokkupa dik il-kariga sakemm tiskadi l-ħatra tal-persuna li tkun qegħda tissostitwixxi.".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

**8**. L-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tappella lill-Qorti ta' l-Appell fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha", għandhom jidħlu l-kliem "tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ġustizzja skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu.";

Kap. 490

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-warrant jitqies sospiż jew imħassar, skond il-każ, pendenti id-deċiżjoni finali tal-Qorti ta' l-Appell", għandhom jidħlu l-kliem "il-warrant jitqies sospiż jew imħassar, skont il-każ, pendenti d-deċiżjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu."; u

(c) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

**9.** It-titolu ta-Taqsima VI tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla".

Sostituzzjoni tat-titolu tat-Taqsima VI tal-Att prinċipali.

**10.** L-artikolu 63 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 63 tal-Att prinċipali.

(a) minflok it-tifsira "akkreditament ta' programmi jew ta' istituzzjonijiet" għandu jidħol dan li ġej:

" "akkreditament" tfisser approvazzjoni formali mill-awtorità kompetenti skond dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu li l-ħidma ta' provditur, jew programm ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla tkun konformi ma' livelli ta' kwalità kif dawn ikunu approvati mill-awtorità kompetenti għall-akkreditament taħt dan l-att jew regolamenti magħmula taħtu;

(b) it-tifsiriet "approvazzjoni" u "awtorizzazjoni" għandhom jiġu mħassra;

(ċ) minflok it-tifsira "edukazzjoni avvanzata" għandu jidħol dan li ġej:

" "edukazzjoni avvanzata" tfisser kull tagħlim formali, mhux formali jew informali li ma tkunx parti mill-edukazzjoni obbligatorja, li tista' sservi sabiex tinkiseb kwalifika nazzjonali klassifikata sa u li tkun tinkludi livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, jew kwalifika barranija ta' livell komparabbli;"

(d) minflok it-tifsira "edukazzjoni ogħla" għandu jidħol dan li ġej:

" "edukazzjoni ogħla" tfisser kull tagħlim formali, mhux formali jew informali li ma tkunx parti mill-edukazzjoni obbligatorja, li tista' sservi sabiex tinkiseb kwalifika nazzjonali klassifikata fil-livell 5 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew ogħla, jew kwalifika barranija ta' livell komparabbli;"

(e) it-tifsiriet "evalwazzjoni", "istituzzjoni għal edukazzjoni avvanzata", "istituzzjoni għal edukazzjoni ogħla" u "istituzzjonijiet" għandhom jiġu mħassra;

(f) minnufih wara t-tifsira "Kummisjoni" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "kwalifika" tfisser espressjoni formali ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi ta' persuna, li tagħti għarfien uffiċjali ta' valur fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

" "liċenzjar" tfisser il-proċess, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħt dan l-Att għall-liċenzjar u rapurtaġġ perjodiku meħtieġ minn provdituri għat-twaqqif tagħhom jew għall-kisba jew għaż-żamma ta' status speċifiku jew biex ikollhom id-dritt li jagħtu kwalifiki nazzjonali jew kwalifiki barranin ta' livell komparabbli;":

(g) minflok it-tifsira "li tiġi żgurata l-kwalità" u minnufih wara t-tifsira "akkreditament" għandu jidħol dan li ġej –

"assikurazzjoni ta' kwalità" tirreferi għal proċess wieħed jew aktar -

(i) li jiggarantixxu l-kwalità ta' edukazzjoni avvanzata u edukazzjoni ogħla f'kuntest ekonomiku, soċjali u kulturali, fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali;

(ii) li jiżguraw l-użu ta' kejl xieraq bħala għodda għat-titjib ta' min jitgħallem u min jgħallem, tat-taħriġ u tar-riċerka; u

(iii) li jikkomunikaw ir-riżultat ta' dan il-proċess f'qafas intern u estern ta' kontabilità;";

(h) it-tifsiriet "livell ISCED" u "livell NQF" għandhom jiġu mħassra;

(i) fit-tifsira "marka bażi", minflok il-kelma "istituzzjonijiet" għandha tidħol il-kelma "provdituri";

(j) minnufih wara t-tifsira "marka bażi" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "il-Qafas Malti tal-Kwalifiki" tfisser il-qafas nazzjonali għat-tagħlim tul il-ħajja, li jkun strument

nazzjonali għall-iżvilupp u l-klassifikazzjoni ta' kwalifiki skond numru ta' kriterji stabbiliti permezz ta' deskritturi applikabbli għal numru ta' livelli differenti, kif imwaqqaf taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu;

"programm" tfisser kull kors formali ta' edukazzjoni, taħriġ jew riċerka ta' xorta akkademika, vokazzjonali jew professjonali li mhuwiex parti mill-edukazzjoni obbligatorja li jservi sabiex tinkiseb kwalifika klassifikata fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew f'xi Qafas tal-Kwalifiki barrani rikonoxxut u komparabbli;

"provditur" tfisser kull individwu jew korp magħqud li jkun jipprovdi servizzi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta jew minn Malta. Provditur jista' jkun università, kulleġġ, kumpannija, fondazzjoni, organizzazzjoni karitattiva, trust, istitut, sussidjarja, fergħa, xi entità ta' xi waħda minn dawn, jew xi individwu jew korp magħqud ieħor li jkollu għanijiet simili;

"provvista" tfisser l-azzjoni li biha jingħataw servizzi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla f'Malta jew minn Malta, u tinkludi b'mod *full-time* u *part-time*, programm ta' riċerka jew ta' orjentament vokazzjonali, tagħlim li jingħata mill-bogħod u tagħlim b'mod elettroniku, sħubija ma' providituri jew entitajiet oħra, il-kuntrattar ta' servizzi lill-oħrajn, fergħat u attivitajiet li l-provditur jagħmel barra minn Malta;".

(k) minflok it-tifsira "rikonoxximent" għandu jidħol dan li ġej:

" "rikonoxximent" tfisser rikonoxximent formali tal-valur ta' kwalifika mill-awtorità kompetenti taħt dan l-Att, jew xi Att ieħor, jew xi regolamenti magħmulin taħtu, bil-ħsieb li dan jagħti aċċess għall-edukazzjoni u, jew impjieg;";

(l) minnufih wara t-tifsira "rikonoxximent", għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "tagħlim" jinkludi edukazzjoni u taħriġ;

"tagħlim formali" tfisser proċess ta' tagħlim li jseħħ f'kuntest organizzat u strutturat u huwa maħsub bħala tagħlim skond oġġettivi, ħin dedikat għat-tagħlim u appoġġ għat-tagħlim. Tagħlim formali huwa intenzjonat mill-perspettiva ta' min ikun qiegħed jitgħallem u jwassal għal kwalifika;

"tagħlim informali" tfisser proċess ta' tagħlim li jkun jirriżulta minn attivitajiet ta' kuljum li jkun relatati ma' xogħol, familja jew mistrieħ, li permezz tagħhom il-persuna takkwista u takkumula tagħrif, ħiliet, attitudnijiet, intuwitu u kompetenzi mill-esperjenzi ta' kuljum u mill-ambjent li jkun espost għalih;

"tagħlim mhux formali" tfisser tagħlim integrat f'attività ppjanata li tkun organizzata barra mis-sistema tal-edukazzjoni formali, liema attività ma tkunx maħsuba bħala tagħlim, iżda tkun tikkonsisti minn element importanti ta' tagħlim;

"tagħlim tul il-ħajja" tinkludi kull tip t'attivita ta' tagħlim li persuna tagħmel tul ħajjitha bil-għan li takkwista u ttejjeb l-attitudnijiet, valuri, tagħrif, ħiliet u kompetenzi tagħha, u takkwista kwalifiki li jsaħħu l-aspett personali u soċjali tagħha, kif ukoll jagħtu possibiltà għal karriera aħjar;";

(m) minflok it-tifsira "verifika tal-kwalità" għandu jidħol dan li ġej:

" "verifika tal-kwalità" tirreferi għall-proċess ta' evalwazzjoni esterna tal-mekkaniżmi li jiżguraw il-kwalità interna, adottata minn provditur għall-użu tiegħu, u għall-ħarsien mill-providitur tal-obbligi tiegħu ta' liċenzjar, akkreditament u obbligi oħra taħt dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, biex kontinwament issegwi u ttejjeb il-ħidma ta' provditur jew ta' programm";

Emenda tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali.

**11.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u, jew ogħla" għandhom jidħlu l-kliem "tal-provdituri tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "tas-setturi

ta’ l-edukazzjoni avvanzata u ogħla f’Malta” għandhom jidħlu l-kliem “ta’ l-edukazzjoni avvanzata u ogħla f’Malta”;

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem “li għandha x’taqsam mas-settur ta’ l-edukazzjoni avvanzata u ogħla” għandhom jidħlu l-kliem “li għandha x’taqsam mal-edukazzjoni avvanzata u ogħla”.

Sostituzzjoni tal-artikolu 65 tal-Att prinċipali.

**12.** Minflok l-artikolu 65 tal-Att prinċipali għandu jidħol li ġej:

“Skop u funzjonijiet tal-Kummissjoni.

65. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tifformula prinċipji gwida għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla, li tkun l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u tipproponi viżjoni, objettivi u miri strateġiċi ċari u sostennibbli għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(b) tirriċerka, tanalizza, tirrevedi u, permezz tal-Ministru, tagħti pariri lill-Gvern dwar l-iżvilupp, l-ippjanar u t-tmexxija tal-politika ta’ l-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(ċ) taġixxi bħala l-awtorità kompetenti għall-liċenzjar, akkreditament, assikurazzjoni ta’ kwalità u rikonoxximent ta’ provdituri u programmi skond dan l-Att jew ta’ regolamenti magħmula taħtu;

(d) iġġib ’il quddiem u tiffaċilita l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u t-trasferiment u l-progress fit-tagħlim tul-ħajja;

(e) tippromwovi u tinkoraġġixxi il-provvista tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u r-rikonoxximent tagħha f’Malta u f’pajjiżi barranin;

(f) taqdi funzjonijiet taċ-Ċentru Malti għal rikonixximent ta’ kwalifiki u Informazzjoni taħt l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki; Kap. 451.

(g) tippromwovi u żżomm il-Qafas Malti

tal-Kwalifiki u l-politika u l-kriterji li fuqhom għandu jissejjes dan il-Qafas;

(h) tapprova u tiżgura li tippubblika livelli nazzjonali ta’ għarfien, ħiliet, kompetenzi u attitudnijiet għal kull settur ta’ impjieg;

(i) tivvalida tagħlim li jkun sar b’mod informali u mhux formali u tikklassifika din il-validazzjoni f’livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

(j) tirrakkomanda *policies* ta’ finanzjar, u ta’ sistemi alternattivi ta’ finanzjar tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla, filwaqt li tindirizza l-kwistjoni ta’ l-adegwatezza ta’ dan il-finanzjament u ta’ kontabilità fil-provvista tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(k) tipproponi *policies* li jkollhom x’jaqsmu ma’ l-istudenti dwar għażliet sostenibbli, aċċess ekwu u mobilità fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, appoġġ finanzjarju, servizzi ta’ informazzjoni u gwida dwar passaġġi ta’ żvilupp għal studenti;

(l) tirrakkomanda *policies* li jkollhom x’jaqsmu mar-riċerka, l-innovazzjoni, l-proprjetà intellettwali, u t-trasferiment ta’ l-għerf;

(m) tfassal *policies* li jkollhom x’jaqsmu mad-dimensjoni internazzjonali ta’ l-edukazzjoni avvanzata u ogħla u ma’ l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-provvediment tagħhom;

(n) tagħti pariri, u meta jkun il-każ, tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrilha meħtieġa, lill-Gvern u lill-provdituri, dwar kull materja jew kwistjoni oħra li jkollha x’taqsam ma’ l-edukazzjoni avvanzata u ogħla; u

(o) twettaq dawk il-funzjonijiet oħra kif il-Ministru jista’ jirrakkomanda minn żmien għal żmien b’regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.”.

Emenda tal-artikolu 66 tal-Att prinċipali.

**13.** L-artikolu 66 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "fost l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla u dawk involuti b'mod rilevanti" għandhom jidħlu l-kliem "fost il-provdituri u dawk il-partijiet interessati rilevanti";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "żviluppi settorjali li jkunu qegħdin iseħħu" għandhom jidħlu l-kliem "żviluppi li jkunu qegħdin iseħħu fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla";

(ċ) fit-test Ingliż, is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "indicators on the further and higher sectors in Malta" għandhom jidħlu l-kliem "indicators on further and higher education in Malta";

(d) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "reġistru aġġornat ta' l-istituzzjonijiet u l-programmi awtorizzati u akkreditati f'Malta" għandhom jidħlu l-kliem "reġistru aġġornat ta' provdituri akkreditati u liċenzjati minnha u programmi akkreditati minnha";

(e) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi enumerat bħala l-paragafu (h);

(f) minnufih wara l-paragrafu (f) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li dan li ġej:

"(g) iżżomm u tippubblika reġistru aġġornat ta' kwalifiki klassifikati fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki;";

(g) fil-paragrafu (h) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-iskopijiet u l-funzjonijiet tagħha kif imfissra f'dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "l-iskopijiet u l-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att jew kull regolament magħmul taħtu".

Emenda tal-artikolu 67 tal-Att prinċipali.

**14.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 67 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "li jidhirlha xierqa fuq dan is-settur ta' l-edukazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "li jidhrilha xierqa fuq l-edukazzjoni avvanzata u ogħla".

Emenda tal-artikolu 68 tal-Att prinċipali.

**15.** L-artikolu 68 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem

"disponibbli għall-istituzzjonijiet pubbliċi ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla" għandhom jidħlu l-kliem "disponibbli għall-provdituri pubbliċi ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla" u minflok il-kliem "sew minn istituzzjonijiet pubbliċi u privati" għandhom jidħlu l-kliem "sew minn provdituri pubbliċi u privati"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "s-Segretarjat tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "s-Segretarjat tagħha".

Emenda tal-artikolu 69 tal-Att prinċipali.

**16.** Fis-subartikolu (12) tal-artikolu 69 tal-Att prinċipali, il-kliem "istituzzjonijiet kemm pubbliċi kemm privati." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "provdituri kemm pubbliċi kemm privati.".

Emenda tal-artikolu 71 tal-Att prinċipali.

**17.** Fit-test Ingliż tal-artikolu 71 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "may estabilish in agreement with the Minister" għandhom jidħlu l-kliem "may establish in agreement with the Minister".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**18.** Minnufih wara l-artikolu 71 tal-Att prinċipali, għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"*Ombdusman*.

"71A. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-*Ombudsman* u ta' kull regola u regolamenti magħmulin taħtu, kull ilment minn studenti jew impjegati ta' provdituri pubbliċi tal-edukazzjoni avvanzata jew ogħla dwar affarijiet relatati ma' dawn il-provdituri, kif ukoll ilmenti minn persuni li jkunu ġew miċħuda dħul għal programm provdut minn dawn il-provdituri, għandu l-ewwel jiġi indirizzat lill-*Ombudsman* Parlamentari.".

Emenda tal-artikolu 74 tal-Att prinċipali.

**19.** Fl-artikolu 74 tal-Att prinċipali, is-subartikoli (15) u (16) tiegħu għandhom jiġu mħassra u s-subartikoli (17) u (18) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (15) u (16) rispettivament.

Emenda tal-artikolu 76 tal-Att prinċipali.

**20.** Fl-artikolu 76 tal-Att prinċipali, minflok il-paragrafi (d) sa (f) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(d) tliet membri eletti mill-persunal akkademiku minn fost dawk minnhom li ma jkunux membri tas-Senat;

(e) tliet membri eletti mill-persunal mhux akkademiku u minn fostu;

(f) tliet membri eletti mill-istudenti tal-Università u minn fosthom, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun student *post-graduate*;"

Emenda tal-artikolu 78 tal-Att prinċipali.

**21.** Minflok il-paragrafu (e) tal-artikolu 78 tal-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(e) ħames membri eletti mill-istudenti tal-Università u minn fosthom, li mill-inqas tnejn minnhom għandhom ikunu studenti *post-graduate*;".

Emenda tal-artikolu 79 tal-Att prinċipali.

**22.** Minflok il-paragrafu (e) tal-artikolu 79 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(e) li jirrikonoxxi lil gradi, diplomi, ċertifikati u distinzjonijiet ta' universitajiet jew provdituri ta' edukazzjoni għolja barranin għall-finijiet ta' dħul fi programm tal-Università;".

Emenda tal-artikolu 80 tal-Att prinċipali.

**23.** Minflok il-paragrafu (e) tal-artikolu 80 tal-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(e) tliet membri eletti mill-istudenti tal-Fakultà u minn fosthom, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun student *post-graduate*;".

Emenda tal-artikolu 89 tal-Att prinċipali.

**24.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 89 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Kunsill Malti għall-Kwalifiki" għandhom jidħlu l-l-kliem "Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla".

Emenda tal-artikolu 93 tal-Att prinċipali.

**25.** Fis-subartikoli (3) u (4) tal-artikolu 93 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Kunsill Malti għall-Kwalifiki" għandhom jidħlu l-kliem "Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla".

Emenda tal-artikolu 125 tal-Att prinċipali.

**26.** Minflok l-artikolu 125 tal-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Reġistratur ta' l-Eżamijiet.

125. Il-Ministru għandu jaħtar Reġistratur ta' l-Eżamijiet li jkun responsabbli:

(a) għat-tmexxija tal-eżamijiet għal provdituri pubbliċi tal-edukazzjoni avvanzata jew ogħla li

jkunu stabbiliti b'dan l-Att jew taħtu, jew għal provdituri privati stabbiliti skont dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu, hekk kif jistgħu jirrikjedu dawk il-provdituri;

(b) għat-tmexxija tal-eżamijiet għal provdituri jew korpi tal-eżamijiet barranin, hekk kif dawn jistgħu hekk jirrikjedu;

(ċ) għat-tmexxija tal-eżamijiet għad-dħul fis-servizz tal-Istat, ta' korporazzjonijiet pubbliċi u ta' soċjetajiet kummerċjali li fihom l-Istat għandu kontroll effettiv:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istat jitqies li għandu kontroll effettiv ta' soċjetà kummerċjali meta f'dik is-soċjetà iżjed minn ħamsin fil-mija tal-kapital jew tal-voti jkunu direttament jew indirettament jappartjenu lil, jew, kontrollati mill-Istat; u

(d) għat-tmexxija ta' kull eżami ieħor li l-Ministru jista' jiddisponi b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 126 tal-Att prinċipali.

**27.** L-artikolu 126 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "skejjel ta' l-Istat u fl-Università", għandhom jidħlu l-kliem "skejjel tal-Istat u fi provdituri pubbliċi tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "eżamijiet u għal korsijiet speċjali barra l-ħinijiet normali", għandhom jidħlu l-kliem "eżamijiet u għal korsijiet speċjali"; u

(ii) minflok il-kliem "jeżenta lil kull persuna milli jagħmel dak il-ħlas", għandhom jidħlu il-kliem "jeżenta lil kull persuna milli jagħmel dak il-ħlas:" u minnufih wara, għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"B'dan illi, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "korsijiet speċjali" tfisser dan li ġej:

(a) korsijiet *part-time* skont kif speċifikat fir-regolamenti;

(b) korsijiet li jwasslu għall-ksib ta' kwalifika klassifikata fil-livell 7 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew ogħla, ħlief dawk il-korsijiet li persuni jeħtieġu jagħmlu għall-fini tal-ksib ta' warrant sabiex jipprattikaw professjoni skont dan l-Att jew xi liġi oħra; u

(ċ) korsijiet ta' *foundation studies* offruti mill-Università."; u

(c) fit-test Ingliż, fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "students receiving further education after having completed their secondary education", għandhom jidħlu l-kliem "students who continue with their education after having completed their secondary education".

**28.** L-artikolu 127 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Tħassir tal-artikolu 127 tal-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 135 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 135 tal-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (t) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(t) biex jipprovdi għal proċessi ta' liċenzjar, akkreditament, assikurazzjoni ta' kwalità u rikonoxximent;";

(b) minnufih wara l-paragrafu (t) tiegħu, għandhom jidħlu dawn l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(u) biex jipprovdi għal proċessi tal-validazzjoni ta' tagħlim li jkun sar b'mod informali u mhux formali bl-għan li din il-validazzjoni tkun klassifikata f'livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

(v) biex jirregola kull ħaġa li għandha x'taqsam mat-tagħlim tal-Ingliż bħala lingwa barranija;

(w) biex jirregola l-aċċess u ġbir ta' informazzjoni, statistika u data mill-Kummissjoni

Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla u mis-Segretarjat ta' l-istess Kummissjoni li huma mwaqqfin bl-artikoli 64 u 70 rispettivament;

(x) biex jestendi l-funzjonijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla skond l-artikolu 65 (o);

(y) biex jipprovdi għat-twaqqif u d-deskrizzjoni tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki kif imfisser fl-artikolu 63, minn żmien għal żmien; u

(z) biex jistabbilixxi pieni amministrattivi li ma jeċċedux penali ta' erbat elef Euro (4,000) li jistgħu jeħlu persuna, skola, provditur jew korp magħqud li jiksru d-dispożizzjonijiet ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:

Iżda –

(a) il-Ministru jista' b'regolamenti ssemmi l-awtorità kompetenti li tkun responsabbli biex timponi u tinforza dawn il-pieni amministrattivi rigward dawk ir-regolamenti;

(b) meta xi piena amministrattiva li tkun ġiet imposta taħt dan il-paragrafu ssir waħda finali, din tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 498 tal-4 ta' Lulju, 2012.

Michael Frendo
*Speaker*

Raymond Scicluna
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*